MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 2084/2004

**Is-socjeta' Tal-General Company Limited**

**vs**

**Victor Vella**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Novembru, 2004 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u ghaxar liri Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm410.79) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar, ghal diversi konsenji ta' xoghol mis-socjeta` attrici lill-konvenut, fuq inkarigu ta' l-istess konvenut.**
**Minkejja li l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammont fuq imsemmi, li huwa cert, likwidu u dovut minnu, huwa baqa' nadempjenti.**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fl-1 ta' Dicembru, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u ghaxar liri Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm410.79), bl-imghaxijiet legali mill-15 ta' Novembru, 2004 sad-data tal-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------